Eżamijiet ta' Nofs is-Sena għall-Iskejjel Primarji 2018

| **Il-Kitba (30 MARKA)** | |
|---|---|
| | |
| **A. Il-Kitba ta' djalogu qasir (10 marki)** | |
| L-istudent jikteb b'mod **tajjeb ħafna.**<br>L-istudent jikteb:<br>• mhux aktar minn **4 żbalji mhux ripetuti tal-ortografija,**<br>• skont it-titlu, u<br>• b'Malti sabiħ, sentenzi miktubin tajjeb u b'punteġġjatura f'postha. | 10 |
| L-istudent jikteb b'mod **tajjeb.**<br>L-istudent jikteb:<br>• mhux aktar minn **6 żbalji mhux ripetuti** tal-ortografija,<br>• skont it-titlu, u<br>• b'xi nuqqasijiet żgħar fil-binja tas-sentenzi u fil-punteġġjatura. | 8 |
| L-istudent jikteb b'mod **batut.**<br>L-istudent jikteb:<br>• mhux b'aktar minn **8 żbalji mhux ripetuti** tal-ortografija,<br>• mhux daqstant relevanti mat-titlu, u<br>• b'ħafna nuqqasijiet fil-binja tas-sentenzi u fil-punteġġjatura. | 5 |
| L-istudent:<br>• ma kiteb xejn, JEW<br>• is-sentenzi li kiteb ma jingħarfux, JEW<br>• is-sentenzi li kiteb mhumiex marbuta mas-suġġett. | 1 |
| | |
| **B. Il-Kitba ta' Rakkont (20 marki)** | |
| **Il-pjan (4 marki)** | |
| Għall-pjan biss, tnaqqasx marki għall-ortografija.<br>Il-pjan jista' jkun magħmul b'diversi modi. | 4 |
| L-istudent għamel pjan **tajjeb ħafna**. Fih wera:<br>struttura bażika tal-kitba li se jikteb,<br>• organizzazzjoni tajba ħafna, u<br>• relevanza mas-suġġett li għażel. | 4 |
| L-istudent għamel pjan **tajjeb**. Fih wera:<br>• struttura bażika tal-kitba li se jikteb,<br>• organizzazzjoni bażika, u<br>• relevanza mas-suġġett li għażel. | 2 |

| | | |
|---|---|---|
| L-istudent:<br>• m'għamel xejn, JEW<br>• ikkopja l-għajnuniet li ngħataw mingħajr ma żied xejn, JEW<br>• għamel pjan bla ebda relevanza mas-suġġett li għażel. | | 0 |
| | | |
| **Il-kitba ta' rakkont – bejn 140 u 200 kelma (16-il marka)** | | |

| Marka | Il-livell | <u>**Ħiliet murija fil-kitba.**</u> |
|---|---|---|
| **13-16** | **Tajba ħafna** | •Ortografija tajba b'inqas minn **4 żbalji mhux ripetuti**.<br>•Il-punteġġjatura bażika mħaddma sewwa u f'postha.<br>•Is-sentenzi miktubin b'sekwenza.<br>•Firxa wiesgħa ta' vokabularju marbut mat-tema.<br>•Użu f'waqtu ta' għadd ġmielu ta' espressjonijiet.<br>•Kitba kreattiva li tħajrek taqraha. |
| **10-12** | **Tajjeb** | •Hemm **bejn 5 u 10 żbalji ortografiċi mhux ripetuti.**<br>•Il-punteġġjatura bażika fiha ftit nuqqasijiet.<br>•Is-sentenzi miktubin b'sekwenza.<br>•Firxa tajba ta' vokabularju marbut mat-tema.<br>•Użu f'waqtu ta' għadd ta' espressjonijiet.<br>• Kitba kreattiva li tħajrek taqraha. |
| **8 – 9** | **Mhux Ħażin** | •Hemm bejn **11 u 15-il żball ortografiku mhux ripetut.**<br>•Il-punteġġjatura bażika fiha għadd ta' nuqqasijiet.<br>•Is-sentenzi mhux dejjem miktubin b'sekwenza u dan itellef il-fehim.<br>•Firxa limitata ta' vokabularju.<br>•Użu limitat ta' espressjonijiet.<br>•Kitba kreattiva adegwata. |
| **0 - 7** | **Baxx** | • Hemm aktar minn **16-il żball ortografiku mhux ripetut.**<br>• Il-punteġġjatura bażika fiha għadd kbir ta' nuqqasijiet.<br>• Is-sentenzi mhux miktubin b'sekwenza.<br>• Firxa limitata ħafna ta' vokabularju.<br>• Bla espressjonijiet jew inkella b'espressjonijiet użati ħażin.<br>• Kitba li ma tħajrekx taqraha u li tbati biex issegwiha. |
| | | **Jekk student joħroġ barra mis-suġġett, ibda l-marki minn 8.** |